# QORTI CIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis**
**Dsatax (19) ta’ Novembru 2020**

**Rikors Numru 808/20 FDP**

Fl-ismijiet

**Falzon’s Bathrooms & Ceramics Limited (C 9432)**

**Vs**

**Joseph Farrugia (186467M)**
**u martu**
**Ruth Farrugia (ID 438467M)**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 9 ta’ Settembru 2020, li permezz tiegħu s-soċjetà rikorrenti talbet s-segwenti:

   1. *Illi s-socjeta' rikorrenti tbiegħ u tissupplixxi materjal u oġġetti relatati mal-qasam ta' finuturi ta' proprjeta' immobbli, senjatament ċeramika u tiles tal-art, kif ukoll sanitary ware u armar li jintuża fil-kmamar tal-banju;*

   2. *Illi l-intimati kienu qed jixtru regolarment mingħand is-soċjeta' rikorrenti tali materjal u oġġetti sabiex dawn jiġu nstallati minnu, jew fuq inkarigu tiegħu, ġewwa proprjeta' li tinsab Ħal Qormi, konsistenti fi block ta' appartamenti; u*

3. *Illi kif jirriżulta mir-rendikont hawn mehmuż u mmarkat bħala Dok. "A", hija dovuta mill-intimati lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf disa' mija u għaxar Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€16,910.39), rappreżentanti materjal u oġġetti li l-intimat xtara u akkwista mingħand is-soċjeta' rikorrenti, u liema oġġetti u materjal ġew mibjugħa u kkonsenjati lill-istess intimat, iżda li s-soċjeta' rikorrenti baqgħet ma rċevietx ħlas għalihom; u*

4. *Illi għalhekk l-intimati huma debituri tas-soċjeta' rikorrenti għall-prezz u valur ta' dan il-materjal u oġġetti, li ġew mibjugħa u kkonsenjati lilhom, iżda li l-istess intimati naqsu milli jħallsu għalihom; u*

5. *Illi l-intimati, għalkemm ġew interpellati sabiex iwettqu l-ħlas tal-ammont imsemmi, baqgħu inadempjenti, u l-ammont mitlub mis-soċjeta' rikorrenti huwa ċert, likwidu u dovut; u*

6. *Illi r-rappreżentant tas-soċjeta' rikorrenti qiegħed bil-ġurament tiegħu jiddikjara illi fil-fehma tiegħu l-intimati ma għandhomx difiża x'jagħtu kontra t-talba tas-soċjeta' rappreżentata minnu;*

*Għaldaqstant, is-soċjeta' rikorrenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tgħaddi sabiex tiddeċiedi u tilqa' it-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti bid-dispensa mis-smiegħ tal-kawża b'applikazzjoni ta' Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

2. *Tordna u tikkundanna lill-intimati jħallsu lis-soċjeta' rikorrenti s-somma ta' sittax-il elf u disa' mija u għaxar Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€ 16,910.39), rappreżentanti l-prezz ta' materjal u oġġetti li ġew mibjugħa u kkonsenjati lill-intimati, liema oġġetti u materjal l-intimati naqsu milli jħallsu għalihom.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-ittri uffiċjali datati 26 ta' Settembru 2019 u 6 ta' Frar 2020, u ittra legali datata 28 ta' Jannar 2020, u bl-imgħax legali mid-data tal-bejgħ u konsenja tal-oġġetti u materjal, kontra l-istess intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi l-intimati ġew notifikati t-tnejn li huma fl-4 ta' Novembru 2020 fejn il-Marixxal Sandra Grech stqarret illi għaddiet in-notifika lil Joseph Farrugia stess. (fol 15)

3. Rat illi fit-18 ta' Novembru 2020, meta ssejjħet il-kawża, l-intimati, msejjħin diversi drabi, ma dehrux.

4. Rat illi r-rappreżentant tas-soċjeta’ rikorrenti, Costantino Falzon, ikkonferma illi l-ammont kien għadu dovut.

5. Rat illi, abbażi tal-Artikolu 170 tal-Kap 12, il-Qorti tqis illi tista’ tiddeċiedi minnufih it-talba attriċi.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti u semgħet x-xhieda,

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tilqa’** t-talba kif dedotta u, għalhekk

**Tordna** u **Tikkundanna** lill-intimati Joseph u Ruth Farrugia in solidum bejniethom jħallsu lis-socjeta' rikorrenti Falzon’s Bathrooms & Ceramics Limited is-somma ta' sittax-il elf u disa' mija u għaxar Euro u disgħa u tletin ċenteżmu (€ 16,910.39), għar-raġunijiet fuq indikati.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu a kariku ta’ l-intimati in solidum bejniethom.

*Imghax kif mitlub mid-data tas-sentenza sad-data tal-pagament effettiv.* (*mizjuda llum 01.12.2020 wara digriet moghti minn dina l-Qorti fejn giet awtorizzata l-korrezzjoni*)

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**